# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)

***Kump: 95/01***

***Pulizija***
***Spettur Ivan Portelli***
***vs***
***Carmel Schembri***

Illum 20 ta' Dicembru 2001

Il-Qorti,

Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuza dedotta kontra l-imputat hija bazati fuq ir-reat ta' **hsara volontarja** u l-**Kontravenzjoni Kontemplata** fl-artikolu 330b tal-Kapitolu 9.

Illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant dawn jinstabu sodisfacentement provati skond il-ligi.

In propositu ghall-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni is-segwenti fatturi:

1. Il-fedina penali netta ta' l-imputat;

2. Il-fatt li l-istess imputat hallas lill-parti leza kumpens ghad-danni kagunati minnu;

3. Il-fatt li l-parti leza hafret lill-imputat u;

4. Il-fatt illi waqt il-kommissjoni ta’ dan id-delitt l-imputat ma kienx fil-pussess shih tal-fakultajiet mentali tieghu.

In vista ta’ dawn il-fatturi il-Qorti thoss li ghandha takkorda liberta’ kondizzjonata.

Ghal dawn il-mottivi issib lill-imputata hatja skond l-akkuzi ai termini ta’ l-Artikoli 325b u 330b tal-kapitolu 9; izda tilliberah bil-***kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur*** skond l-artikolu 9 kapitolu 152.

Il-Qorti spjegat lill-imputat is-sinifikat u l-import ta’ l-imsemmi provvidiment

Illi in fine l-Qorti thoss li ghandha tirreleva li stante li dan kien l-ewwel reat ta’ l-imputat u ghalhekk ghal din il-Qorti huwa incident izolat dan il-kaz m’ghandux jippregudika l-impjieg regolari ta’ l-istess imputat.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***